**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tat-22 ta' Marzu, 2001.**

**Citazz. Nru. 2808/96CFS**

**Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tat-18 ta' Mejju 1998 Maltacom p.l.c.**
**vs**
**Agnes Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta' attrici ppremettiet illi, fuq talba tal-konvenuta, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 240617 fil-fond 1, Mikiel Anton Vassalli, Street, Valletta u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe' kopja

fotostatika awtentika tas-'service agreement' ezistenti bejn il-partijiet;

Permess illi skond l'istess 'service agreement' il-konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

Permess illi l-konvenuta hija debitrici tal-korporazzjoni attrici fl-ammont komplessiv ta' Lm2,955.56 (elfejn, disgha mija u hamsa u hamsin lira maltin u sitta u hamsin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls) lokali, kera tal-linja, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u 'installation charges' in konnesjoni mas-servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness 'statement' immarkat bhala Dokument B;

Premess ukoll illi l-istess konvenuta giet nterpellata thallas is-somma msemmija izda baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Talbet li l-konvenuta tigi ikkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma Lm2,955.56 (elfejn disgha mija u hamsa u hamsin lira maltin u sitta u hamsin centezmu) dovuta ghall-uzu (pulses/calls), kera tal-linja, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera, u 'installation charges' in konnesjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 240617 liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenuta.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tas-18 ta' Gunju 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoi u lista ta' xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta giet debitament notifikata u naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Rat li l-P.L. Noel Scerri ikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghandu dovut.

Semghet l-Avukat ta' l-attur.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-

korporazzjoni attrici s-somma Lm2,955.56 (elfejn disgha mija u hamsa u hamsin lira maltin u sitta u hamsin centezmu).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.